# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**Jerome Fenech**

**Illum: 26 ta` Frar 2024.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Jerome Fenech ID 153900(L) iben Arnold u Karen nee Bonnici imwieled 21/4/2000 joqghod St Michael crt Blk A flt 2 Triq Tumas Cassar Gharb Gozo talli fit-8/8/21 ghall habta ta' 16.28 hrs f'St Joseph High Road Hamrun u f'torq ohra f'dawn il-gzejjer waqt li kont qed issuq vetura nru DOR028.

1. Soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata.
2. Soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont.

3. Waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura mexxejt jew haddimt il-makna ta’ l-imsemmija vettura b’mod li taghmel hsejjes zejda.
4. Volontarjament ksirt il-bon-ordni jew il-kwit tal-pubbliku bi hsejjes jew b’mod iehor.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu taz-zmien li l-Qorti jidriha xierqa.

Rat 15(1) (c)(2)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li mis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta gie intavolat Appell.

Rat li l-Qorti ta’L-Appell Kriminal iddikjarat in-nullita’ tas-sentenza appellate u ordnat li l-atti jkunu rimessi lill-Qorti tal-Magistrati (Malt) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex il-kas kontra l-appellant ikun mismugh u deciz mill-gdid biss kwantu l-ewwel imputazzjoni stane li l-liberazzjoni mit-tieni, tielet u r-raba, imputazzjoni hija konvalidata.

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta fl-1 ta Gunju, 2022.

Rat ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat ix-xhieda prodotti mid-difiza.

Rat x-xhieda tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

PC 486 Ryan Camilleri xehed permezz ta’ affidavit kif ukoll in kontro-ezami dwar id-dinamika tal-kas u l-involviment tieghu fl-istess.

Pc 26 Ryan Farrugia xehed permezz ta' affidavit kif ukoll in kontro-ezami dwar id-dinamika tal-kas u l-involviment tieghu fl-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta car mix-xhieda ta' PC 486 Ryan Camilleri u PC 26 Ryan Farrugia li s-sewqan ta' Jerome Farrugia kien wiehed traskurat.  U dan specifikament minhabba l-velocita' eccessiva li kien qed isuq il-vettura DOR-028 u l-metodu ta' sewqan tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il- motivi ai termini tal- art 15(1) (c)(2)(3 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib li Jerome Fenech hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah ghal tlett mija u hamsin euro (350) multa , skwalifika tal-licenzji kollha tal-seqan ghal tmint (8) ijiem.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**